

Paġna ewlenija>Flus/Talbiet monetarji>Talbiet żgħar

Talbiet żgħar

Awstrija

## 1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

### 1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Ma teżisti l-ebda proċedura għal talbiet żgħar, bħala tali fid-dritt nazzjonali Awstrijak. Madankollu, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Awstrijak jipprevedi proċeduri simplifikati jew regoli proċedurali speċifiċi f'ċerti materji li jinġiebu quddiem il-Qorti Distrettwali.

Uħud minn dawn ir-regoli proċedurali speċifiċi japplikaw biss għal talbiet żgħar sa limitu ta' EUR 1,000 (ara l-punt 1.5) jew Euro 2,700 (ara wkoll il-punt 1.9).

### 1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Ir-regoli speċifiċi għal talbiet żgħar fid-dritt proċedurali Awstrijak huma obligatorji u l-partijiet ma jistgħux joħroġu minnhom.

Għalhekk, la l-Qorti u lanqas il-partijiet ma jistgħu jittrasferixxu t-talba għal proċedura "ordinarja".

### 1.3 Formoli

Peress li bħala tali l-Awstrija m'għandhiex proċedura għal talbiet żgħar, lanqas ma hemm formoli speċifiċi għal talbiet bħal dawn.

### 1.4 Assistenza

Ir-rappreżentanza legali mhijiex obligatorja fl-Awstrija għal ammonti ta' tilwim li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 5.000. Bħala prinċipju, l-imħallef għandu jipprovdri assistenza lill-partijiet mingħajr rappreżentanza legali, jiġifieri għandu jinformahom dwar id-drittijiet u l-obbligi proċedurali tagħhom u dwar il-konsegwenzi legali tal-azzjonijiet u l-omissjonijiet tagħhom. Il-partijiet mingħajr rappreżentanza legali jistgħu wkoll jirreġistraw it-talbiet tagħhom oralment quddiem il-Qorti Distrettwali kompetenti jew il-Qorti Distrettwali tal-post tar-residenza tagħhom. Jekk is-sottomissjoni bil-miktub magħmula minn parti mingħajr rappreżentanza legali ma tkunx adegwata, l-imħallef għandu jipprovdri lill-parti bl-ispjegazzjonijiet u l-istruzzjonijiet rilevanti. L-imparzjalità tal-imħallef m'għandhiex tkun ristretta minħabba f'dan.

### 1.5 Regoli dwar is-smiġħ tal-provi

F'kawżi b'valur ta' EUR 1,000 jew inqas, il-Qorti tista' tinjora l-evidenza pprovduta mill-parti jekk kjarifika sfiha taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha toħloq diffikultajiet sproporzjonati. Madankollu, hawnhekk ukoll l-imħallef irid jagħmel deċiżjoni mhux arbitrarja in bona fede, abbażi tal-eżitu tal-proċedimenti b'mod ġenerali. Id-Deċiżjoni għandha tkun suġġetta għal reviżjoni fl-istadji suċċessivi tal-appell.

### 1.6 Proċedura bil-miktub

Il-proċedura esklużivament bil-miktub mhijiex permessa taħt il-liġi Awstrijaka. Pereżempju, fid-dritt proċedurali ċivili tal-Awstrija, bis-saħħa tal-prinċipju ta' immedjatezza (*sachlicher Unmittelbarkeitsgrundsatz*) evidenza diretta tal-fatti trid tingħata preferenza fuq sempliċi sorsi indiretti ta' evidenza; testimonjanzi bil-miktub ippreżentati fil-forma ta' dokumenti huma inammissibbli.

### 1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Awstrijak, jekk l-għoti ta' sentenza jsir oralment, ir-rewiżiti li japplikaw għall-kopja bil-miktub huma inqas stretti. Dan japplika irrispettivament mill-valur tat-talba. Jekk sentenza tkun ingħatat bil-fomm fil-preżenza taż-żewġ partijiet u ma tkunx ġiet appellata fi żmien debitu minn l-ebda waħda mill-partijiet, il-qorti tista' toħroġ "sentenza mqassra" li tkun limitata għar-raġunijiet prinċipali tad-deċiżjoni.

### 1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Skont il-liġi Awstrijaka, ir-rimborż tal-ispejjeż fi proċedimenti ċivili huwa, fil-prinċipju, ugwali għal-livell tas-suċċess. Kemm it-tariffi tal-Qorti kif ukoll it-tariffi legali huma marbuta direttament mal-valur tat-talba, li jfisser li l-pretensjonijiet żgħar ġeneralment jirriżultaw fi spejjeż tal-Qorti jew tariffi legali aktar baxxi. Billi l-ispejjeż huma stabbiliti fl-atti u r-regolamenti fil-forma ta' tariffi, il-piż tal-ispejjeż jista' jinżamm 'l isfel għal talbiet ta' valur baxx. Madankollu, ma hemmx regoli speċifiċi dwar l-ispejjeż għal tali talbiet.

### 1.9 Il-possibilità ta' appell

Il-liġi Awstrijaka tippermetti biss drittijiet limitati ta' appell fi proċedimenti ta' talbiet żgħar. L-appelli fi proċedimenti fuq talbiet sa EUR 2,700 fl-ewwel Istanza huma permessi biss fil-każ ta' validazzjoni legali skorretta jew minħabba invalidità (żbalji proċedurali serji ħafna). Mhuwiex possibbli li wieħed jopponi żbalji proċedurali serji oħra. Lanqas ma jista' wieħed jopponi kostatazzjonijiet skorretti tal-fatti li jkun saru mill-Qorti tal-Ewwel Istanza (abbażi, pereżempju ta' valutazzjoni skorretta tal-evidenza). Fil-bqija tal-kawżi, japplikaw ir-regoli li jirregolaw il-proċedura "ordinarja".

L-aħħar aġġornament: 05/06/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.